MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 489/2011

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, mitejn u tlieta u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,253.33) minghand is-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lilha abbazi ta’ ftehim bejn il-partijiet. U minkejja li giet interpellata thallas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma l-Avviz u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ cessjoni tas-socjeta’ attrici fejn cediet il-kawza fir-rigward tas-sorte biss, u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjes ammontanti b’kollox ghal mija, erba u tletin ewro u seba u tmenin centezmu (€134.87).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fir-rigward tal-ispejjes, u l-fatt li s- socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata fir-rigward tal-ispejjes tal-kawza, t-Tribunal jilqa’ t-talba limitatament f’dan is-sens, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ mija, erba u tletin Ewro u seba u tmenin centezmu (€134.87).

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------